# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 39/2026**

Data: L-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Ray Deguara (17:32 hrs) | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

39.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

39.2 MINUTI

39.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

39.4 KORRISPONDENZA

39.5 PLANNING AUTHORITY

39.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

39.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

39.8 MISTOQSIJIET

39.9 MOZZJONIJIET

39.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

39.11 FINANZI

39.12 TRAFFIC MANAGEMENT

39.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

39.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

39.15 STAFF

39.16 PURCHASE REQUEST FORM

39.17 ĦLASIJIET

39.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 39.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**39.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Kuns C Bonello u l-Kuns I Catania De Giovanni. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 39.2 MINUTI

**39.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7437/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 38/2026 bid-data 27 ta' Mejju 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u vot kontra.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns R Deguara. Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Kontra – Kuns J Scicluna

Il-Kuns J Scicluna qalet li vvutat kontra minħabba li kien hemm xi diskors li qalet fil-laqgħa li għaddiet fejn ma tniżżilx fil-minuti, fejn bagħtet 'email' rigward dan. Is-Sindku staqsa lill-Kuns J Scicluna jekk hux ser tkun qed temenda l-minuti biex jiżdied dak li hemm nieqes fil-minuti. Il-Kuns J Scicluna ikkonfermat dan u għaldaqstant is-Sindku staqsa lill-Kuns J Scicluna jekk hux xorta ser tmur kontra l-minuti. Il-Kuns J Sicluna qalet li meta l-minuti jiġu rranġati, tivvota favur. Is-Sindku qal li l-minuti ser jiġu rranġati dak il-ħin stess. Is-Sindku kompla jgħid li qed jiġu approvati l-minuti fejn il-Kuns J Scicluna vvutat kontra, però fl-'item' li jmiss, hi ser tagħmel l-emendi. Il-Kuns M Lombardo qal li l-emendi jsiru qabel jiġu approvati l-minuti. Is-Sindku qal li l-ewwel jiġu approvati l-minuti u l-emendi jsiru wara. Il-Kuns M Lombardo reġa qal li l-ewwel isiru l-emendi u wara jiġu approvati l-minuti. Is-Sindku qal li l-laqgħa dejjem kienet l-ewwel bl-'item' Minuti u wara jiġi l-'item' Punti Mqajjma mill-Minuti. Is-Sindku żied jgħid li l-liġi tgħid li jiġri x'jiġri l-minuti jridu jgħaddu filwaqt l-Kuns M Lombardo qal li l-liġi mhux hekk qiegħda. Is-Sindku qal li l-liġi hekk qiegħda u li kull min għandu punti x'iżid, dawk jiġu nklużi wkoll mal-istess minuti, però dejjem iridu jiġu approvati. Is-Sindku spjega kif fil-passat kien hemm kwstjoni fejn ma kienux għaddew il-minuti, ġiet iċċekkjata l-liġi u kien hemm korrispondenza lura fejn ġie kjarifikat li l-minuti dejjem iridu jgħaddu, u li l-emendi iridu jgħadduhom il-membri tal-Kunsill fejn ikun hemm in-nieqes.

## 39.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**39.3.1** Is-Sindku qal li punti mqajjma mill-minuti hemm tal-Kuns J Scicluna. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna li hi ma qablitx mal-minuti u ser iżżid magħhom ukoll. Is-Sindku spjega lill-Kuns J Scicluna li f'dan l-'item' ma jsirx vot, iġifieri ser iżżidhom però mhux ser taqbel magħhom. Il-Kuns J Scicluna qalet li jekk jiġu rranġati l-minuti u jitniżżel dak li kienet qalet hi fil-laqgħa li għaddiet, hija taqbel. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna li ser jitniżżlu però ma hemmx vot għax dan diġà ittieħed, u hija ser tagħmel l-emendi. Il-Kuns J Scicluna qalet li ma tistax taqbel meta d-diskors tagħha ma nkitibx fil-minuti. Is-Sindku qal li normali li xi kultant jinqabeż xi diskors u ma jitniżżilx, kif ġieli għamlu emendi wkoll il-membri tal-Kunsill l-oħra, però japprovaw il-minuti u wara jagħmlu l-emendi tagħhom. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li l-'email' kienet ilha li bgħatitha. Is-Sindku qal li l-'email' bgħatitha wara li ntbagħtet l-Aġenda, u li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv mhux ser tirranġa l-minuti u terġa tibgħathom lill-membri tal-Kunsill peress li fl-Aġenda hemm 'item' fejn tista titniżżel emenda. Is-Sindku komplha jgħid li wara li l-minuti jkunu ntbagħtu u jkunu inqraw kollha, mhux ser jerġgħu jintbagħtu għax ikollhom jerġgħu jinqraw kollha, għaldaqstant min ikollu xi punti xi jżid għandu jiġi fuq il-mejda u jispjega lill-membri l-oħra li jixtieq jagħmel emenda. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-emendi riedu jsiru qabel u jittieħed il-vot wara, u li darba minnhom hekk kien sar. Is-Sindku reġa qal li l-minuti jridu jiġu approvati dejjem u li meta jkollha punti mqajjma mill-minuti, f'dak l-'item' tgħid lis-Sindku li għandha xi punti fejn jiġu aċċettati u jiġu annessi mal-minuti.

Is-Sindku qara l-'email' tal-Kuns J Scicluna ndirizzata lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv annessa bħala 'Dok A'. Il-Kuns J Scicluna qalet li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibditilha l-attenzjoni li l-punti li tniżżlu fl-'email' ma kienux eżatt skond ir-'recording' tal-laqgħa, għaldaqstant reġgħet ratu u ntqal ukoll li l-inizjattiva biex ikun hemm rotta ġdida tal-karozza tal-linja għall-Fgura saret bħala Kunsill Lokali kollu. Is-Sindku staqsa jekk din il-korrispondenza saritx permezz ta' email, fejn il-Kuns J Scicluna wieġbet fin-negattiv. Is-Sindku staqsa kif saret il-komunikazzjoni bejnha u bejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, u jekk saritx permezz tal-'mobile phone'. Il-Kuns J Scicluna staqsiet lis-Sindku jekk tagħmilx xi differenza u għal dan is-Sindku wieġeb li jekk saret permezz ta' 'email', tkun tista tgħaddilu l-'email'. Il-Kuns J Scicluna qalet li ma saritx bl-'email' u s-Sindku qal li mela għaldaqstant saret bil-'mobile phone'. Is-Sindku staqsa lill-Kuns J Scicluna jekk hemmx iktar punti biex ikunu jistgħu jiġu miżjuda mal-minuti. Il-Kuns J Scicluna qalet li hemm, fejn kienet irringrazzjat lill-membri tal-Kunsill ukoll għax l-inizjattiva saret flimkien u li kienet irringrazzjat lill-Ministru tat-Trasport u lill-Prim Ministru. Il-Kuns J Scicluna kitbet l-emenda u għaddietha lis-Sindku. Is-Sindku qal li l-Kuns J Scicluna qed tressaq emenda fil-minuti tal-laqgħa u qara l-emenda annessa bħala 'Dok B'. Is-Sindku għadda l-emenda lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u qal li trid tiġi annessa mal-minuti.

Is-Sindku qal lill-membri tal-Kunsill sabiex ma jibqgħux jibgħatu messaġġi bil-Whatsapp lill-'clerks' u li kull korrispondenza għandha tintbagħat permezz ta' 'email' biss. Is-Sindku qal ukoll li ta istruzzjonijiet lill-ħaddiema biex meta jirċievu messaġġi fuq Whatsapp mingħand il-Kunsilliera fuq affarijiet li jistgħu jiġu kkomunikati permezz ta' email, ma jwieġbux lura. Is-Sindku kompla jgħid li dan minħabba li qed ikun hemm xi każijiet fejn qed ikollu jintervjeni fihom hu. Is-Sindku sostna li l-Kunsill għandu struttura u kull Kunsillier għandu jimxi magħha.

## 39.4 KORRISPONDENZA

**39.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sa Michela Debono u s-Sur Gabriel Farrugia li huwa artist mill-Fgura. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala'Dok Ċ'. Is-Sindku qal li ser jinħolqu tip ta' esibizzjonijiet b'xogħolijiet ta' slaleb li jagħmlu huma, fejn dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu nteressati jistgħu jitkellmu magħhom biex meta jittellgħu l-esebizzjonijiet, jiġu nfurmati biex ir-residenti jkunu jistgħu jieħdu sehem u jmorru jarawhom. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tintbagħat risposta lura li l-Kunsill huwa nteressat.

**39.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Byron Mercieca li huwa mill-Fgura u qed jaħdem fuq film Malti, fejn qed jitlob li jintuża l-uffiċċju tas-Sindku għal parti minn 'filming' li ser isir fuq tlett ijiem. Is-Sindku qal li huwa ma jsibx problema rigward din it-talba, u li l-'filming' ser isir taħt il-ħarsien tal-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok D'. Il-Kunsill approva.

**39.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Onorevoli Michael Piccinino fejn qed jitlob li jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li ser jintalbu tlett dati mingħandu biex tinstab data li tkun tajba għal kulħadd, u ssir laqgħa flimkien miegħu. Il-Kunsill approva.

**39.4.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sa Doris Vella li qed tgħallem il-kalligrafija fil-klassi kull nhar ta' Tnejn filgħodu, u li qed titlob biex tkompli matul ix-xhur tas-sajf. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok E'. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk hux bi ħlas. Is-Sindku qal li sakemm it-tagħlim tal-kalligrafija kien qed jiġi organizzat mir-Reġjun, il-klassi kienet qed tingħata bla ħlas, però jekk issa ser tkompli tgħallem il-kalligrafija waħedha, huwa hawn fejn tidħol il-'bye law' għax mhux ser jibqa organizzat mir-Reġjun. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jsibx problema li tibqa tgħallem il-kalligrafija, però hemm 'fee' li trid titħallas għall-użu tal-klassi. Is-Sindku qal li x'aktarx hi wkoll ser ikollha 'fee' lejn il-Kunsill talli ser tkun qed tgħallem il-kalligrafija. Is-Sindku qal ukoll li r-residenti tal-Fgura m'għandhomx iħallsu. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li ser tintbagħat risposta lura biex l-ewwel ikun hemm kjarifika jekk is-Sa Vella hux qed titlob ħlas minn naħa tagħha, peress li fil-korrispondenza ma ġiex imsemmi ħlas.

**39.4.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal talba biex tintuża s-sala tal-Kunsill Lokali filgħodu fi tlett dati. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok F'. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux ser jitlob ħlas għas-sala lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, peress li l-Kunsill jibbenefika minn fondi kbar mgħotija mid-Dipartiment. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex tintbagħat risposta lura li żewġ dati jridu jinbidlu peress li filgħodu jsiru l-attivitajiet fis-sala. Il-Kunsill approva.

**39.4.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex tinkera l-klassi għal sagħtejn fuq sitt ġranet u tinkera wkoll is-sala tal-Kunsill għal ġurnata waħda. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok Ġ'.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7438/26/9** 'Dan il-Kunsill għal din il-proposta qed jaqbel li l-klassi tinkera għas-somma ta' €60 kull sezzjoni waqt li s-sala tinkera għal prezz ta' €150.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u vot kontra.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Kontra – Kuns J Scicluna

## 39.5 PLANNING AUTHORITY

**39.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ser ikompli l-proġett tal-'housing' fi Triq tax-Xemx u l-Qamar fejn ħareġ il-permess u ser jintalbu l-pjanti biex jiġi aċċertat li fejn instab ser jitħalla mikxuf. Is-Sindku qara l-'email' li rċieva l-Kunsill mill-Planning Authority annessa bħala 'Dok Ħ'. Is-Sindku qal li hekk kif il-Kunsill jirċievi l-pjanti, dawn ser jiġu mgħoddija lill-membri tal-Kunsill.

**39.5.2** Is-Sindku nforma l-kamra rigward permess ieħor fi Triq il-Merħba fejn ser jinbena u titkabbar il-binja fuq in-naħa ta' wara, u ser jintalbu l-pjanti wkoll. Is-Sindku qara l-'email' li rċieva mill-Planning Authority annessa bħala 'Dok I'.

## 39.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**39.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva 'email' mill-AKL sabiex tinxtegħel binja fil-lokalità b'dawl blu bejn it-23 u 30 ta' Lulju 2026, biex tiġi appoġġjata l-kampanja internazzjonali 'Blue Heart Campaign' organizzata mill-Ġnus Magħquda, li twassal għall-Jum Dinji kontra t-Traffikar tal-Persuni li jiġi mfakkar kull sena fit-30 ta' Lulju 2026. Is-Sindku qal li bħas-sena l-oħra, ser terġa tinxtegħel il-binja tal-Kunsill Lokali fid-dati msemmija.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7439/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jieħu sehem fl-inizjattiva 'Blue Heart Campaign' u tinxtegħel il-binja tal-Kunsill Lokali b'dawl blu bejn it-23 u 30 ta' Lulju 2026, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 39.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**39.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-laqgħa li għaddiet kienet tressqet u ġiet approvata mozzjoni biex jinxtraw erba' plakek taċ-ċeramika għal Vjal Kottoner, Triq San Franġisk, Triq San Mikiel u Triq Mary Carter. Is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtraw żewġ plakek oħra fejn kull plakka tiswa €56.64.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7440/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova żewġ plakek taċ-ċeramika oħra ma' dawk approvati mal-mozzjoni bin-numru 7426/26/9 għall-prezz ta' €113.28, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7441/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-invoice annessa tal-Kummissjoni Festa Esterna għar-reklam fil-ktieb tal-festa għas-somma ta' mhux aktar minn €300.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-laqgħa li għaddiet kien informa l-membri tal-Kunsill li hemm 'air condition' fl-ewwel sular

tal-FSWS li mhux qed jaħdem u kellhom jinġabru l-kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal li l-irħas kwotazzjoni hija ta' €2,055 bil-VAT inkluż.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7442/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa sabiex jinxtara air condition għall-ewwel sular tal-FSWS.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li kellhom jinbidlu d-dettalji tal-'log book' tal-vann tal-Kunsill biex jiġi fuq isem id-Deputat Segretarju Eżekuttiv imma xorta f'isem il-Kunsill Lokali bl-indirizz tal-Kunsill, minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv kienet irriżenjat mill-kariga u għaldaqstant ma setax jibqa' fuq isimha, fejn dawn id-dettalji ġew irranġati. Is-Sindku qal li trid titħallas l-'insurance', it-'towing', it-trasferiment ta' 'no claim discount' u t-trasferiment tal-'log book', fejn hemm 'less refund' li ser jitnaqqas mill-prezz totali. Is-Sindku qal li l-ammont li jrid jitħallas huwa ta' €151.94 għall-perjodu sa Ottubru 2026.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7443/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas l-insurance u t-transfer tal-vann tal-Kunsill IBL 985 skond il-kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li huwa u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għax ser tiġi mibdula iċ-'Chart of Accounts' u trid tiġi magħżula kumpanija biex tagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li ġew irrakommandati żewġ kumpaniji mill-Accountant tal-Kunsill u anke minn Kunsilli Lokali oħra, fejn waħda minnhom torbot lill-Kunsill għal ħames snin filwaqt li l-oħra sena b'sena. Is-Sindku qal li peress li qatt ma ġew użati dawn il-kumpaniji, mhux ideali li l-Kunsill jintrabat ma' kumpanija għal ħames snin fejn l-Accountant tal-Kunsill kien ukoll tal-istess fehma rigward dan, u għaldaqstant ser tiġi magħżula l-kumpanija l-oħra. Is-Sindku qal li forsi ssir talba lid-Diviżjoni biex din l-ispiża tiġi rimborżata. Il-Kuns J Scicluna staqsiet x'inhu dan u s-Sindku wieġeb li huwa 'software' biex il-Kunsilli Lokali jkunu konformi mad-Diviżjoni dwar kif jimtlew iċ-'Chart of Accounts'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7444/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħżel il-kumpanija ta' Progressive Accounts sabiex jibdew jinħadmu Chart of Accounts

skond kif inhu mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond il-quote annessa ta' €1,280 first year, €180 recurring.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li attenda għall-laqgħa tar-Reġjun Port fejn ġie nfurmat li din is-sena ser jerġa jkun hemm il-European Week of Regions and Cities, li ser issir fi Brussell bejn il-11 ta' Ottubru u l-15 ta' Ottubru 2026 u li r-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja l-ispejjeż tal-vjaġġ minn u lejn Brussell lis-Sindki. Is-Sindku qal li għandu l-biljetti tat-titjira tiegħu maqtugħin u mħallsa minn naħa tar-Reġjun.

**39.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva 'email' mingħand il-Kuns M Lombardo rigward il-Junior Science Club. Il-Kuns M Lombardo qal li qed jitlob biex il-Kunsill jistaqsi lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni jekk f'din is-sena skolastika li ġejja hux ser isir il-Junior Science Club, peress li s'issa ma rċieva xejn rigward dan. Il-Kuns M Lombardo qal ukoll li fis-sena skolastika li għaddiet ma sarx, u li meta kien isir kien ikun hemm attendenza sabiħa għax kien kors tajjeb.

## 39.8 MISTOQSIJIET

**39.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 39.9 MOZZJONIJIET

**39.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 39.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**39.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kif kien sar fis-sena li għaddiet, ġie ppublikat avviż fuq il-gazzetta tal-Gvern peress li l-latrina waslet għat-tiġdid. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet fejn l-irħas waħda hija ta' €450 bil-VAT eskluż.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7445/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027, għaż-żamma u l-ftuħ tal-latrina pubblika, kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.10.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ngħalaq it-'tender' għall-'Provision and Maintenance of traffic signs and road markings', li jinkludi żebgħa, tarmak, tabelli, 'sleeping polices', ecc. Is-Sindku qal li l-'winning bidder' huwa 5H Ltd u li l-Kunsill ġieli ħadem bih fil-passat.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7446/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tender għal Provision and Maintenance of traffic signs and road markings skond kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 39.11 FINANZI

**39.11.1** Is-Sindku nforma l-kamra li intbagħtet lilhom il-'management letter' flimkien mar-risposta tagħha. Is-Sindku staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk hemmx xi mistoqsijiet biex jekk iva, jiġi kkuntattjat l-'accountant' tal-Kunsill, però ma kienx hemm mistoqsijiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7447/26/9** 'Sabiex jiġi approvat Reply to Management Letter għas-sena 2025 skond kif anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 39.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**39.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva talba għal 'timed parking bay' mingħand l-Eeetwell. Il-Kuns M Lombardo qal li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta minħabba li meta ma jaqbilx il-Kunsill, dawn jiġu approvati xorta waħda minn naħa tagħhom. Il-Kuns M Lombardo qal ukoll li 'timed parking bays' ma humiex allokati għal ħwienet speċifiċi imma għall-ħwienet tat-triq kollha.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7448/26/9** 'Dan il-Kunsill ma jaqbilx mat-talba li ssir timed parking, dan għaliex ftit 'l isfel hemm unloading bay li tista' tintuża minn kulħadd.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.12.2** Il-Kuns M Lombardo qal li kien ġibed l-attenzjoni rigward il-'bus stop' ta' quddiem il-posta peress li tressqet u sar parkeġġ quddiem ħanut, però il-kaxxa tħalliet safra. Is-Sindku qal li l-kaxxa tista' ssir waħda bajda imma kaxxa safra u kaxxa bajda huma l-istess.

**39.12.3** Il-Kuns M Lombardo qal li fi Vjal Kottoner hemm tabella tal-'unloading bay' fejn il-kaxxa tal-parkeġġ hija bajda mhux safra. Il-Kuns R Ellul qal lill-Kuns M Lombardo li jrid isegwi t-tabella. Is-Sindku qal li dak kollu li hemm miżbugħ fi Vjal Kottoner huwa approvat minn Transport Malta u li jekk tneħħiet il-kaxxa tal-parkeġġ tal-'unloading', ser issir kaxxa bajda. Il-Kuns M Lombardo qal li t-tabella baqgħet imwaħħla u s-Sindku wieġeb li trid tiġi segwita t-tabella u min jipparkja għandu jsegwi l-ħinijiet.

**39.12.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li kellmitha persuna minħabba l-kaxxi tal-parkeġġi fi Vjal Kottoner li qiegħdin 'fishbone', fejn issuġġerixxiet li ssir 'zebra crossing' biex ir-residenti jkunu jistgħu jaqsmu t-triq b'mod sigur. Il-Kuns A Tanti kif ukoll is-Sindku qalu li ftit iktar 'il fuq mir-restoranti hemm 'pedestrian lights' fejn persuni li jkunu mexjin ikunu jistgħu jużawhom biex jaqsmu t-triq. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li ssir 'zebra crossing' quddiem ir-restoranti għax b'hekk ikunu qed jintilfu sitt parkeġġi, meta wieħed jista jimxi ftit 'il fuq u juża l-'pedestrian lights'.

**39.12.5** Il-Kuns M Lombardo qal li jixtieq jerġa jfakkar rigward il-'one ways'. Is-Sindku qal li talab li ssir laqgħa rigward dan u ser ikun qed jiltaqa' mal-uffiċjali ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li ser jistaqsi biex jara x'hemm ħażin minħabba li għadhom ma ġewx approvati peress li hemm xi nuqqasijiet. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għadu ma rċeviex l-approvazzjoni għal dawn il-'one ways'.

**39.12.6** Il-Kuns J Scicluna qalet li kellimha resident fi Triq Mater Boni Consili minħabba 'sleeping police'. Is-Sindku qal li ngabru l-firem kollha tar-residenti miż-żewġ naħat tat-triq u ser jiġu mgħoddija lill-Perit ta' Transport Malta biex tinħareġ l-approvazzjoni u jinstallaw 'sleeping police. Is-Sindku żied jgħid li hemm il-firem miġburin ukoll biex issir 'sleeping police' oħra fi Triq Mater Boni Consili iktar 'il fuq, fejn ġiet approvata u ser tiġi nstallata. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk tistax issir waħda fi Vjal Kottoner, fejn is-Sindku wieġeb li ma tistax issir għax dawn isiru biss ġo żoni residenzjali biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi.

**39.12.7** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmu resident rigward Triq A.M. Valperga in-naħa ta' fejn tagħlaq ma' Triq ir-Riħan, fejn ix-xogħol biex issir it-triq mill-ġdid beda, u ser jinbena 'boundary wall' mill-għelieqi 'l fuq biex it-triq ma tkunx perikoluża u jibqa tiela iċ-ċint 'il fuq. Is-Sindku qal ukoll li d-dawl ser jiġi faċċata tal-wied u mhux mal-faċċati tar-residenti.

**39.12.8** Is-Sindku nforma l-kamra li waqt il-laqgħa tal-festa kien ġie diskuss biex f'xi jiem fil-ġimgħa tal-festa tinqaleb id-direzzjoni ta' Triq Blondel

temporanjament. Il-Kuns M Lombardo qal li l-vetturi li jkunu telgħin minn Triq Bormla, ikunu jistgħu joħorġu minn Triq Blondel peress li Vjal Kottoner tkun magħluqa, u jinżlu 'l isfel minn Triq is-Sur. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li jrid isir avviż lir-residenti li t-triq ser tkun 'one way' b'mod temporanju mill-10 sat-12 ta' Lulju 2026.

## 39.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**39.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva l-pjanta ta' Triq A.M Valperga fejn qed isiru x-xogħolijiet.

**39.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmuh xi residenti biex Triq Vincenzo Maculano ssir mill-ġdid. Il-Kuns M Lombardo qal li għandhom isiru wkoll Triq Giacomo Matteotti u Pjazza Patri Redent Gauci. Is-Sindku qal li dawn it-toroq huma diġà mniżżlin sabiex isiru. Il-Kuns R Ellul qal li għandha ssir ukoll Triq ir-Rużell.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7449/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jipproponi Triq Vincenzo Maculano lil Infrastructure Malta biex isir il-bini mill-ġdid tat-triq kif ukoll tal-bankini, kif ukoll Triq ir-Rużell bil-bankini u asfalt ġdid.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ser jibdew ix-xogħolijiet fi Triq San Mikiel, Triq il-Ġiżimina, Triq is-Sardinella u Triq il-Ħuttafa. Is-Sindku qal li talab biex ix-xogħol fi Triq San Mikiel ma jibdiex għalissa minħabba l-festa u ser jibda wara t-30 ta' Lulju 2026. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk tistax issir bankina aktar għolja fi Triq San Mikiel, fejn is-Sindku wieġeb li l-bankina mhix wiesa biżżejjed. Is-Sindku qal li ser jitkellem mal-Perit rigward dan. Il-Kuns J Scicluna qalet li meta ssir bankina u jkun hemm garaxx, il-livell ma jkunx dritt. Is-Sindku qal li kellem lill-kuntrattur sabiex il-bankini jibqgħu f'livell dritt u jkun hemm faxxa tal-konkos minħabba r-rampa.

## 39.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**39.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7450/26/9** 'Sabiex tiġi approvata l-irħas kwotazzjoni għas-servizz ta' mobile toilets waqt l-attivitajiet relatati mal-festa

mill-4 sa 13 ta' Lulju 2026. Dawn jitqiegħdu f'postijiet ċentrali skond ftehim mal-għaqdiet li jorganizzaw il-festa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7451/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba mingħand is-Sur Lincoln Cowles u s-Sur Ron Cutajar għall-bukkett tal-fjuri li jitpoġġa mal-vara tal-Madonna tal-Karmnu fil-jiem tal-festa, għas-somma ta' mhux aktar minn €55, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7452/26/9** 'Sabiex jinxtara bukkett fjuri għall-prezz ta' €25 (VAT inkluż) biex jitpoġġa fuq il-bradella tat-titular waqt il-purċissjoni tal-Ħadd quddiem il-binja tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7453/26/9** 'Sabiex il-latrina pubblika tibqa miftuħa sa nofs il-lejl bejn it-8 u 12 ta' Lulju 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7454/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa għal ħruq ta' żewġ kaxxi tan-nar minn fuq il-binja tal-Kunsill Lokali għal spiża ta' €222.46.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u vot kontra.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Kontra – Kuns J Scicluna

**39.14.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7455/26/9** 'Sabiex tiġi approvata l-irħas kwotazzjoni annessa għal servizz ta' generator fil-ġranet tal-festa tal-parroċċa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7456/26/9** 'Sabiex tiġi approvata l-kwotazzjoni annessa għal servizz ta' tindif u ħasil tat-toroq fil-ġranet ta' matul il-gimgħa tal-festa, kif ukoll wara l-Fgura Fest u Lejla Maltija (Fiesta weekender), organizzati mill-għaqdiet tal-Festa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.8** Il-Kuns M Lombardo qal li qed jipprova jnaqqas l-ispejjeż involuti għal Jum il-Fgura u talab lis-Sindku biex din is-sena minflok isir il-kunċert li jsir is-soltu, tiġi mistiedna l-banda tal-Pulizija u l-kunċert isir minn naħa tagħhom. Is-Sindku qal li kellem lill-Ministru rigward dan u qallu biex tintbagħat 'email' lis-Surmast tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija.

**39.14.9** Il-Kuns M Lombardo qal li għandu jinbeda l-proċess biex jitlaqqa l-Bord tal-Onorifiċenzi minħabba Jum il-Fgura li ser ikun fit-23 ta' Ottubru 2026.

**39.14.10** Is-Sindku nforma l-kamra li nġabru l-kwotazzjonijiet għall-ħasil tal-faċċata tal-Kunsill Lokali, fejn l-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' €613.60.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7457/26/9** 'Sabiex tiġi approvata l-irħas kwotazzjoni għall-ħasil tal-faċċata tal-Kunsill Lokali biex isir qabel il-festa tal-lokalita'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.11** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7458/26** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-quote annessa biex tinkera follow spot għal purċissjoni tal-festa l-Ħadd filgħaxija.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.12** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7459/26** 'Sabiex issir ħarġa ta' ġurnata fi Sqallija fix-xahar ta' Ottubru 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn €750.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.14.13** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha.

**39.14.14** Il-Kuns J Scicluna qalet li tkellmu xi nies magħha biex isir 'bus shelter' fejn hemm il-'bus stop' ta' fejn il-knisja peress li n-nies li jkunu qed jistennew hemm, m'għandhomx fejn jistkennu mix-xemx. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li l-uniku 'bus stop' fejn hemm 'bus shelter' ma' dik in-naħa tat-triq huwa dak ta' fejn Galleria, għax l-oħrajn m'għandhomx 'bus shelter'. Is-Sindku qal li huwa jaqbel li għandu jkun hemm 'bus shelter' fejn in-nies ikunu jistgħu jistkennu waqt li qed jistennew il-karozza tal-linja, però hemm ser issir binja. Il-Kuns J Scicluna qalet li għal din ir-raġuni, il-'bus shelter' għandu jsir qabel il-binja. Is-Sindku qal li dan mhux possibbli peress li l-ewwel iridu jsiru x-xogħolijiet minħabba l-binja.

Il-Kuns M Lombardo qal li fil-ġranet tal-festa, il-karozza tal-linja bin-numru 95 għandha ddur mar-roundabout ta' fejn it-Tip Top u tinżel 'l isfel, minflok iddur mal-mina ta' Hompesch peress li t-triq ser tkun magħluqa.

Il-Kuns M Lombardo ħareġ mill-kamra fis-19:12 hrs.

**39.14.15** Il-Kuns J Scicluna qalet li tixtieq li l-Blood Donation Unit jerġa jiġi fil-Fgura. Is-Sindku qal li ma jsibx problema rigward dan.

**39.14.16** Il-Kuns J Scicluna qalet li attendiet għal kors imtella mill-Ministeru tat-Trasport fuq il-Mobilità li kien mifrux fuq tlett ijiem.

## 39.15 STAFF

**38.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra li Robert Muscat li kien ħaddiem tal-'maintenance' tal-Community Workers Scheme, m'għadux jaħdem fil-Kunsill Lokali tal-Fgura peress li ġie trasferit f'Kunsill Lokali ieħor.

**39.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li hemm bżonn li jkun hemm 'supervisor' minflok Robert Muscat, u għaldaqstant jixtieq jaħtar 'supervisor' minfloku. Is-

Sindku qal li dan jixtieq li jkun Deane Zammit peress li huwa l-aktar ħaddiem tal-'maintenance' li ilu jaħdem fil-Kunsill u x-xogħol jafu sew.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7460/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova lil Deane bħala Supervisor tal-maintenance u għandu jieħu allowance ta' supervisor għal allowance totali ta' €150 biss fix-xahar.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**39.15.3** Il-Kuns J Scicluna qalet li marret l-isptar tara lil ħaddiem tal-'maintenance' tal-Community Workers Scheme li kien sofra minn 'stroke' hekk kif daħal għax-xogħol, u kellu jittieħed l-isptar bl-ambulanza. Il-Kuns J Scicluna qalet li għarafha u ħa pjaċir, li ħdejh kellu l-fjuri u l-kartolina li ntbagħtu lilu mill-Kunsill u li selliet lis-Sindku għalih. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li apprezza ħafna li marret tarah.

## 39.16 PURCHASE REQUEST FORM

**39.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7461/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Ġunju 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok J')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 39.17 ĦLASIJIET

**39.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7462/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 20/05/2026 sa 17/06/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok K')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 39.18 AĠĠORNAMENT

**39.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:19 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju, 2026 fil-17:30hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 24 ta' Ġunju, 2026

'Dok A'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Josianne Scicluna <josianne.scicluna1@gmail.com> |
| **Sent:** | Tuesday, 23 June 2026 10:34 |
| **To:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Portelli Cascun; Darren M; Charles Bonello (charlesbonello2012 @gmail.com); Raymond (Ray) Deguara; Mark Lombardo (lombardomark1966 @gmail.com); Izak Catania De Giovanni; Dr Ryan Ellul; Adrian Tanti |
| **Subject:** | Re: 39 Laqgħa tal-Kunsill 24 ta' Ġunju 2026 |
| **Attachments:** | image001.png; image004.jpg; image005.jpg |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Talba għal korrezzjoni fil-Minuti tal-Laqgħa

Għażiża Assistenta Segretarja,

Qiegħda nibgħatlek rigward il-minuti annessi, b'mod partikolari l-paragrafu 38.14.1 relatat mal-progress ta' ħidma.

Nixtieq tinnota li fil-bidu tal-intervent tiegħi kien hemm referenza li ma ġietx inkluża fil-minuti.

Spjegajt li kont attendejt għal laqgħat fil-Ministeru u ma' Transport Malta flimkien mas-Sindku, is-Sur Clayton Cascun Portelli, fejn iddiskutejna u ppreżentajna proposti f'isem il-Kunsill Lokali.

Semmejt ukoll li kont sodisfatta li din il-proposta ġiet milqugħa u li, bħala riżultat tagħha, ser ikun hemm servizz ta' karozza tal-linja li jaqdi lill-lokalità ta' Fgura.

Għaldaqstant nitlob li din il-parti tal-intervent tiegħi tiġi inkluza sabiex tkun riflessa b'mod korrett fil-minuti tal-laqgħa.

Nirringrazzjak tal-koperazzjoni tiegħek.
Tislijiet,
Josianne Scicluna
Kunsilliera

On Wed, 17 Jun 2026, 17:00 Fgura Local Council at Fgura Local Council, <fgura.lc@gov.mt> wrote:

> Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera
>
> Għeżież,
>
> Flimkien ma' din l-imejl għandkom issibu l-Agenda relatata mad-39 Laqgħa tad-Disa' Leġislatura li hija skedata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2026 fil-17.30.

'Dok B'
4

~~MOZZJONI~~ Emenda

~~Numru:~~

Korrezzjoni fuq il-minuti

Paragraf 38.14.1 Progress ta' Hidma li attendejt mas-sindku Clayton Cascun Portelli jil-Ministru ta' Trasport fejn naqra proprjeta tal-kunsill. Din kienet hidma li saret flimkien bħal kunsill.

Fejn ridt nħoll grazzi lill Ministru ta' Trasport u Prim Ministru tal-istrajduna tagħhom.

Josianne Scerri.
Proponent

Sekondant

EMENDI/ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-~~mozzjoni~~ emenda giet mgħoddija lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv 24 / 06 / 2026

'Dok Ċ'

Arts Support Scheme 2026

# Letter of Intent for collaboration with Local Council

Dear Sir/Madam,

We are writing to formally express our intention, as a Local Council, to collaborate in the proposed project *Salib: Exploring the Maltese Cross Through Fashion and Jewellery*, submitted for funding under the Arts Support Scheme 2026.

Through this collaboration, we support the development and presentation of an innovative artistic project that explores a unique and largely uncharted intersection within Malta's cultural and creative sectors. The project brings together the disciplines of gold and silversmithing, lacemaking, and textile artistry to create a series of haute couture works inspired by the Maltese Cross. By reinterpreting traditional Maltese craftsmanship through a contemporary and futuristic artistic lens, the initiative seeks to celebrate cultural heritage while encouraging innovation and interdisciplinary artistic practice.

The project will also include a guided visit to the museum that shall host the exhibition by the same creators we are in collaboration with. This initiative will provide participants of different ages, backgrounds, and abilities with opportunities to engage with Maltese history, traditional crafts, and contemporary artistic processes in an inclusive and accessible environment.

As a Local Council, we are committed to supporting initiatives that foster community participation, cultural enrichment, and artistic excellence. We recognise the project's potential to strengthen appreciation for Malta's cultural heritage while promoting contemporary creative expression, sustainability, and cross-disciplinary collaboration.

We are pleased to support this initiative and, subject to the successful award of funding, intend to collaborate in facilitating community engagement and promoting project activities within our locality. We believe this project presents a valuable opportunity to foster creativity, cultural awareness, and public participation while contributing positively to the preservation and evolution of Malta's artistic and cultural identity.

Thank you for your consideration. We look forward to the opportunity to contribute to this meaningful and impactful initiative.

Yours sincerely,

[Name]

[Position]

[Local Council Name]

**Mr Gabriel Farrugia** | **Ms Michela Debono**

'Dok D'
6

# Fgura Local Council at Fgura Local Council


